Mozzjoni kif emendata fis-Seduta 103 tas-16 ta' Marzu 2023

**123. Mozzjoni dwar l-Isptar San Luqa, l-Isptar Karin Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex**

Peress li nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza fl-ismijiet LOnorevoli Kap tal-Oppożizzjoni l-Avukat Dottor Adrian Delia vs Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, Dr Joseph Muscat et (Rikors Numru 133/2018 FDP);

Peress li s-sentenza tal-24 ta' Frar 2023 ġiet appellata minn Steward;

Peress li m'hemmx dubju li meta jkun għaqli, fil-mument opportun u fil-fora adatti, il-Gvern u l-Prim Ministru Dr Robert Abela se jibqgħu jieħdu dawk l-azzjonijiet kollba meħtieġa fl-interess nazzjonali, fl-interessi tal-ħaddiema kollha fil-kamp mediku kif ukoll tal-pazjenti kollha, hekk kif fdat li jagħmel permezz ta' mandat elettorali b'saħħtu mill-poplu wara li wera wkoll il-kompetenza u s-serjeta tiegħu wkoll fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, speċjalment fiż-żmien diffiċli tal-isfida globali tal-pandemija;

Peress illi l-Gvern hadem bis-sħiħ biex ikompli jgħolli l-livell tas-servizz tas-saħħa Ii qed jingħata inkluż billi ġew introdotti servizzi ġodda, trattamenti ġodda, mediċinali ġodda kif ukoll bit-tisħiħ tasservizz kemm fuq livell nazzjonali u fuq livell reġjonali u lokali;

Peress illi l-Gvern diġà ddikjara li l-Awtoritajiet tas-Saħħa jinsabu f'pożizzjoni li b'mod immedjat joperaw l-isptarijiet inkwistjoni sabiex iċ-ċittadini u l-pazjenti, jibqgħu jirċievu servizz tas-saħħa talogħla livell, u jassigura li jħares id-drittijiet tal-ħaddiema u professjonisti kollha li jaħdmu flisptarijiet;

Peress li l-Gvern diġà ddikjara li huwa ser jirrispetta l-ġudizzju finali u definittiv tal-Qrati Maltin, hekk kif jirrikjedu l-prinċipji ben stabbiliti u bażiċi li jsawru s-saltna tad-dritt f'pajjiżna;

U peress li diġà ġie ddikjarat mill-Gvern li hu anzi ser jagħmel minn kollox, skont l-għodda li tagħtih il-liġi, biex dan l-eżitu finali u definittiv iseħħ kemm jista' jkun malajr u b'mod urġenti u dan fl-aħjar interess ta' pajjiżna.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Huwa xieraq u għaqli li din li-Kamra għandha tibqa' ssegwi l-proċediment ċivili li jinsab għaddej dwar l-impunjazzjoni tat-trasferiment tal-Isptar San Luqa, tal-Isptar Karin Grech u talIsptar Ġenerali ta' Għawdex Iil Steward Malta Assets Limited ġià Vitals Global Healthcare Assets Limited u/jew lis-sussidjarji tagħhom.

2. Tagħti mandat sħiħ u fiduċja sħiħa lill-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Dr Robert Abela biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa u l-passi li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi u fil-fora adatti, hekk kif dejjem għamel, fl-interess tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, fil-mument opportun u meta jkun għaqli li jsir dan fl-interess nazzjonali.

16 ta' Marzu 2023

**123. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech u l-Onor. Adrian Delia f'isimhom u f'isem il-Grupp Parlamentari tal-Oppożizzjoni jipproponu:**

Peress li nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza fl-ismijiet L-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni l-Avukat Dottor Adrian Delia vs Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, Dr Joseph Muscat et (Rikors Numru 133/2018 FDP) fost oħrajn:

(a) Iddikjarat illi Steward Malta Assets Limited, Steward Malta Limited u Steward Malta Management Limited ma adempwewx u kisru l-obbligi tagħhom ai termini tal-kuntratt tat-22 ta ' Marzu 2016 kif ukoll tas-Services Concession Agreement tat-30 ta' Novembru 2015, tal-Health Services Delivery Agreement tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-Labour Supply Agreement tat-8 ta' Frar 2016 flimkien mal-emendi u addendum illi saru sussegwentement;

(b) Iddikjarat illi l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet, li assuma l-funzjonijiet li qabel kien jassumi l-Kummissarju tal-Artijiet, u ċ-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet kif ukoll l-Avukat Ġenerali, huma f'obbligu, ai termini tal-liġi sabiex jittutelaw il-proprjetà pubblika u biex jieħdu l-passi neċessarji sabiex jassiguraw illi l-kundizzjonijiet kollha tal-proprjetà konċessa jiġu adempiti u mhux mibdula ai termini tal-istess kuntratti u tar-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, u għaldaqstant:

(c) Ħassret u annullat il-Konċessjoni Enfitewtika temporanja fl-atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll tas-Services Concession Agreement tat-30 ta' Novembru 2015, tal-Health Services Delivery Agreement tat-30 ta' Novembru 2015 u tal-Labour Supply Agreement tat-8 ta' Frar 2016 flimkien mal-emendi u addendum varji illi saru u li jiffurmaw parti integrali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja surreferita, ordnat li tintradd lura l-proprjetà kollha fejn jinsabu s-siti ta' St. Luke's Hospital f'St. Luke's Road Pietà, b'arja ta' 54,728 metri kwadri, il-Karin Grech Rehabilitation Hospital f'St. Luke's Road Pietà, b'arja superfiċjali ta' 768 metri kwadri u l-Gozo General Hospital ta' 72,880.92 metri kwadri fi Triq I-Isqof Pietro Pace, Rabat, Għawdex kif aħjar deskritti fil-konċessjoni enfitewtika surreferita lill-istess Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet;

(d) Ordnat li tintradd lura l-proprjetà kollha fejn jinsabu s-siti ta' St. Luke's Hospital, St. Luke's Road, Pietà, b'arja ta' 54,728 metri kwadri, il-Karin Grech Rehabilitation Hospital f'St. Luke's Road, Pietà, b'arja superfiċjali ta' 768 metri kwadri u l-Gozo General Hospital ta' 72,880.92 metri kwadri fi Triq l-Isqof Pietro Pace, Rabat, Għawdex kif aħjar deskritti fil-konċessjoni enfitewtika surreferita lill-istess Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet;

Peress li fl-imsemmija sentenza l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li 1-"[...] *kundizzjonijiet kienu riżultat ta' aġir frawdolenti tas-soċjetà Steward li riedet iddawwar a favur tagħha sitwazzjoni kkawżata minn azzjoni frawdolenti tal-preċedessuri tagħha bil-għan illi tagħmel arrikkiment indebitu minn fuq dahar il-Gvern ta' Malta w iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin*";

Peress li fl-imsemmija sentenza l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat ukoll "[...] *illi hija tassew imħassba kif persuni responsabbli mill-Awtoritajiet Governattivi setgħu qatt xjentement jidħlu għal tali obbligi daqstant onerużi fuq il-Gvern, u trid temmen illi tali obbligu*

*ġie minnhom assunt, possibbilment riżultat ta' inġenwità, jekk mhux pressjoni sabiex il-proġett oriġinali jibqa' vijabbli, iżda ċertament temmen li seħħ in vista tal-aġir frawdolenti*
Emenda Oriġinali kif ippreżentata fit-8 ta' Marzu 2023

*u, possibbilment kriminali, kemm tas-soċjetà Steward, kif illum komposta, kif ukoll mis-soċjetà Vitals, kif oriġinalment komposta u l-investituri tagħha*";

Peress li l-għoti tal-Isptar San Luqa, l-Isptar Karin Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex lil Vitals Global Healthcare Assets Limited kien ġie żvelat mill-ġurnalista Daphne Caruana Galizia nhar 1-20 ta' Marzu 2015;

Peress li l-Gvern diġà ddikjara li mhux ser jappella mill-imsemmija sentenza u għalhekk aċċetta d-deċiżjoni tal-Qorti fl-intier tagħha u mingħajr ebda riżervi;

U peress li mis-sena 2016 sas-sena 2023, il-Gvern ħallas jew ikkommetta ruħu li jħallas aktar minn erba' mitt miljun Ewro (€400,000,000) lil Steward Malta Assets Limited ġja Vitals Global Healthcare Assets Limited, Steward Malta Limited ġja Vitals Global Healthcare Limited u Steward Malta Management Limited ġja Vitals Global Healthcare Management Limited, liema ħlas il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeskrivietu bħala illi "[...] *bl-ebda mod ma huma dovuti lilha u li għalhekk huwa unikament rikatt u arrikkiment indebitu a spejjeż taċ- ċittadin.*";

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Tikkundanna l-għoti tal-Isptar San Luqa, tal-Isptar Karin Grech u tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex lil Steward Malta Assets Limited ġja Vitals Global Healthcare Assets Limited u/jew lis-sussidjarji tagħhom; u

2. Tesiġi li l-Prim Ministru għandu minnufih jieħu dawk l-azzjonijiet kollha meħtieġa, inkluż iżda mhux biss, li jistitwixxi proċeduri legali, sabiex il-Gvern ta' Malta jirkupra kwalunkwe ammont li tħallas b'mod indebitu lil Steward Malta Assets Limited ġja Vitals Global Healthcare Assets Limited u/jew lis-sussidjarji tagħhom, minn fuq iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

8 ta' Marzu 2023

Emenda “A” ippreżentata mill-Ministru għall-Ġustizzja fis-Seduta 103 tas-16 ta’ Marzu 2023

L-Onor. Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard u l-0nor. Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali Andy Ellul f’isimhom u f’isem il-Grupp Parlamentari tal-Partit Laburista jipproponu l-emendi li ġejjin għall-mozzjoni:

(a) Fl-ewwel [1] premessa:

(i) fl-ewwel paragrafu l-kliem "b'sentenza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tat sentenza" u l-kliem "(Rikors Numru 133/2018 FDP) fost oħrajn:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(Rikors Numru 133/2018 FDP);"

(ii) il-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) għandhom jitħassru.;

(b) It-Tieni [2], it-Tielet [3], ir-Raba' [4], il-Hames [5] u s-Sitt [6] Premessa għandhom jiġu sostitwiti bis-segwenti:

"Peress li s-sentenza tal-24 ta' Frar 2023 ġiet appellata minn Steward; Peress li m'hemmx dubju li meta jkun għaqli, fil-mument opportun u fil-fora adatti, il-Gvern u l-Prim Ministru Dr Robert Abela se jibqgħu jieħdu dawk l-azzjonijiet kollba meħtieġa fl-interess nazzjonali, fl-interessi tal-ħaddiema kollha fil-kamp mediku kif ukoll tal-pazjenti kollha, hekk kif fdat li jagħmel permezz ta' mandat elettorali b'saħħtu millpoplu wara li wera wkoll il-kompetenza u s-serjeta tiegħu wkoll fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, speċjalment fiż-żmien diffiċli tal-isfida globali tal-pandemija;

Peress illi l-Gvern hadem bis-sħiħ biex ikompli jgħolli l-livell tas-servizz tas-saħħa Ii qed jingħata inkluż billi ġew introdotti servizzi ġodda, trattamenti ġodda, mediċinali ġodda kif ukoll bit-tisħiħ tas-servizz kemm fuq livell nazzjonali u fuq livell reġjonali u lokali;

Peress illi l-Gvern diġà ddikjara li l-Awtoritajiet tas-Saħħa jinsabu f’pożizzjoni li b'mod immedjat joperaw l-isptarijiet inkwistjoni sabiex iċ-ċittadini u l-pazjenti, jibqgħu jirċievu servizz tas-saħħa talogħla livell, u jassigura li jħares id-drittijiet tal-ħaddiema u professjonisti kollha li jaħdmu fl-isptarijiet;

Peress li l-Gvern diġà ddikjara li huwa ser jirrispetta l-ġudizzju finali u definittiv tal-Qrati Maltin, hekk kif jirrikjedu l-prinċipji ben stabbiliti u bażiċi li jsawru s-saltna tad-dritt f'pajjiżna;

U peress li diġà ġie ddikjarat mill-Gvern li hu anzi ser jagħmel minn kollox, skont l-għodda li tagħtih illiġi, biex dan l-eżitu finali u definittiv iseħħ kemm jista' jkun malajr u b'mod urġenti u dan fl-aħjar interess ta' pajjiżna."

(ċ) Wara l-kliem "Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li:"

l-Ewwel [1] u t-Tieni [2] Rizoluzzjoni għandhom jiġu sostitwiti bis-segwenti:
Emenda "A" ippreżentata mill-Ministru għall-Ġustizzja fis-Seduta 103 tas-16 ta' Marzu 2023

"1. Huwa xieraq u għaqli li din li-Kamra għandha tibqa' ssegwi l-proċediment ċivili li jinsab għaddej dwar l-impunjazzjoni tat-trasferiment tal-Isptar San Luqa, tal-Isptar Karin Grech u tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex lil Steward Malta Assets Limited ġià Vitals Global Healthcare Assets Limited u/jew lissussidjarji tagħhom.

2. Tagħti mandat sħiħ u fiduċja sħiħa lill-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Dr Robert Abela biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa u l-passi li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi u fil-fora adatti, hekk kif dejjem għamel, fl-interess tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, fil-mument opportun u meta jkun għaqli li jsir dan fl-interess nazzjonali."

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

Il-mozzjoni kif emendata għaddiet nem. con.